VALLETTA
*Città Umilissima*

# KUNSILL LOKALI
# L-BELT VALLETTA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# 2014

**Introduzzjoni**

Għaddiet sena oħra ta' ħidma – sena li fiha kellna diversi sfidi u xogħol li sar u li għad irid isir fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sinjorina Gabriella Agius li bħala Segretarju Eżekuttiv wriet ħidma eċċezzjonali fi ħdan il-Kunsill Lokali tagħna.

Il-ħidma ta' dan il-Kunsill ma waqfitx mir-ritmu ħabrieki li qbadna matul is-sena 2013. Komplejna naħdmu f'sinergija sħiħa sabiex nkunu eqreb lejn iċ-ċittadini u noffrulhom kwalita' ta' ħajja aħjar. Dan wassal biex il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta jibqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel fuq il-programm u l-pjan ta' ħidma tiegħu. Fis-sena 2014 kellna diversi tragwardi li l-Kunsill irnexxielu jilħaq biex il-Belt Kapitali tibqa' tiġi msebbħa għal ġid tar-residenti tagħna. Dwar dan kollu nagħti dettall aktar il-quddiem f'dan ir-rapport.

**Attendenza**

Minn Jannar 2014 sa Diċembru 2014:

| **Isem** | **Attenda** | **Skużat** | **Assenti** |
|---|---|---|---|
| Alexiei Dingli | 11 | 0 | |
| Norman Shaw | 11 | 0 | |
| Christian Darren Micallef | 10 | 1 | |
| Vincent Farrugia Lauri | 9 | 2 | |
| Raymond Attard | 9 | 2 | |
| Raymond Azzopardi | 8 | 3 | |
| Vincent Fabri | 11 | 0 | |
| Jurgen Briffa - Ambaxxatur | 8 | | |

**Proġetti Infrastrutturali**

Saret *traffic calmer* fi Triq San Nikola qabel toħrog għal Triq il-Merkanti.

Saret *traffic calmer* oħra fi Triq il-Merkanti.

Saru *bollards* fi Triq l-Arċisqof man-naħa tal-kunvent tas-sorijiet, oħrajn quddiem l-uffiċċju tal-MITP u oħra fi Triq Lvant. Saret *bollard* quddiem propjeta privata fi Triq San Pawl.

Issewwew il-*bollards* li hemm quddiem il-Knisja ta' San Pawl.

**Indafa fil-Belt tagħna**

Matul din is-sena tqajmet il-problema tal-ġbir ta l-iskart li qed isir minn kuntratturi privati. Qbilna li għandha ssir sistema waħda fejn l-istess kuntrattur jieħu ħsieb is-servizzi li hemm bżonn fil-Belt.

Kellna ammont ta' lmenti anke minn Ministeru dwar l-iskart tal-ħwienet. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li nifformulaw *leaflet* informattiv dwar l-iskart kemm dak residenzjali kif ukoll dak tar-ristoranti.

Wara laqgħa ta' konsultazzjoni mal-GRTU u ma' l-għaqdiet tal-ħwienet fil-Belt kien hemm qbil li l-ġbir ta' skart fiċ-ċentru għandu jibda jsir filgħodu dan biex matul il-ġurnata u filgħaxija fiċ-ċentru ma jkunx hemm ġbir ta' l-iskart.

Sar qbil biex nhar ta' Tlieta il-Kunsill jiġbor biss il-borża ta' l-iskart griża.

Ordnajna *waste bins* ġodda għaċ-ċentru tal-Belt, għal *Barbara Bastions* għar-*ring road*.

**Edukazzjoni**

Organiżżajna *courses* tal-kompjuter ma' TCTC.

***European Walled Towns***

Bejn l-24 u 26 ta' Frar 2014 is-Segretarja kellha *management meeting* tal-*European Walled Towns.*

**Safar**

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli u t-*Town Centre Manager* - is-Sur Matthew Carbonaro, attendew is-*Cities Forum* fi Brussels. F'dan il-*Forum* ġew informati li l-Bliet Ewropej għandhom jingħataw 5% mill-fondi ERDF mil-gvern ċentrali.

Il-Viċi Sindku Christian Micallef flimkien mas-Segretarja Gabriella Agius għamlu żjara qasira ta jumejn ġewwa Chechister fejn saru diskussjonijiet mal-grupp '*Friends of Valletta*' fosthom dwar il-possibilità li ssir *youth exchange* u anke *Twinning*. Waqt iż-żjara żaru diversi *Sports Clubs*. Dan l-istess Grupp fin-*Notte Bianca* żar il-Belt u l-Kunsill għenhom fl-organizazzjoni tat-trasport.

Bejn l-14 u s-17 ta' Mejju 2014, is-Sindku Prof Alexiei Dingli u t-*Town Centre Manager* Matthew Carbonaro żaru Ċipru bħala parti mill-preparamenti għall-*World Carnival Cities*.

Waqt din iż-żjara tkellmu mas-Sindku ta' Nicosia biex isir *Twinning* bejn iż-żewġ bliet Kapitali kif ukoll li Nicosia ssir parti mill-*European Walled Towns*.

Fid-29 ta' Ġunju 2014, fuq stedina tal-kumitat ta' La Valette, is-Sindku Prof Alexiei Dingli akkompanja lill-banda ġewwa Palazzolo. F'din iż-żjara sar ftehim bejn xi kunsilli fi Sqallija fosthom Palazzolo kif ukoll il-Belt Valletta. Għalhekk beda ix-xogħol sabiex tinħoloq fondazzjoni sabiex dawn il-kunsilli jaħdmu aktar flimkien speċjalment fuq sfond ta' fondi Ewropej.

F'Ġunju 2014 ukoll saret ġita ta' ġurnata għaċ-ċittadini Beltin ġewwa Sqallija.

F'Awwissu grupp ta' żgħażagħ Beltin żaru Derry fl-Irlanda bħala parti mill-*Youth Democracy Project*.

F'Settembru 2014 il-Viċi Sindku Christian Micallef attenda *Summit* tal-*World Tourism Cities Federation* fiċ-Ċina.

Il-*Minority Leader* Dr Norman Shaw attenda għal konferenza ġewwa Beijing minflok is-Sindku minħabba li kien indispost.

Fl-10 ta' Ottubru 2014 is-Sindku Prof Alexiei Dingli fuq stedina li saritlu għamel *presentation* waqt konferenza f'Lucca dwar *Walled Cities at Smart Cities times: models, tools and proposals for sustainable development*.

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli attenda laqgħa ġewwa Ruma bħala kontinwazzjoni tal-laqgħa tal-Kapitali Ewropej li seħħet fi Brussel. F'din il-laqgħa ġie diskuss l-fond 5% ta' *ERDF funds* għall-ibliet.

Il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri kellu żjara ġewwa l-Bulgarija.

## *Tenders*

Ġiet preparata *tender* sabiex issir *website* ġdida tal-Kunsill Lokali.

It-*Tender Online Streaming* intrebaħ minn *Correct Termination Limited*.

## *Bye Laws*

Saret *Bye Law* fejn tirregola lill-kuntratturi tal-privat li jidħlu fiċ-centru pedonali. Punti li tqajmu f'din il-*Bye Law* huma dwar il-ħin tal-ġbir li għandu jinbidel għal filgħodu, kif ukoll li għandhom jintużaw boroż b'kulur partikolari għall-*bars* u *restaurants*.

Saret Bye Law dwar *Control of Noise Pollution*.

Ġiet preżentata *Bye Law* dwar konsum ta' alcohol.

Il-*Bye Laws* tal-Karrozzini kif ukoll dik tal-Kolletturi ta' l-iskart ġew rifjutati.

**V18**

Is-Sur Jason Micallef intalab jattendi laqgħa tal-Kunsill biex jagħti informazzjoni dwar il-Valletta 2018. Din kienet l-ewwel fost sensiela ta' laqgħat mal-Kunsill Lokali. Waqt din il-laqgħa tqajmu *issues* bħal ġbir ta' l-iskart tar-ristoranti, il-kwistjoni tal-karrozzini, tindif in ġenerali taċ-ċentru tal-Belt (gvern ċentrali), Strada Stretta, ir-Riġenerazzjoni tas-Suq tal-Belt u l-*Ferry Connections*. Is-Sindku tkellem dwar il-problemi finanzjarji, trukkijiet li qed jagħmlu ħsara fil-bankini, il-proġett ta' taħt is-Sur, il-Fossa u Marsamxett. Il-Kunsillier Raymond Attard tkellem dwar id-dawl taċ-ċentru tal-Belt. Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-problema tal-*parking* u l-*issues* tal-*wardens* li ma'għadhomx f'idejn il-Kunsill Lokali.

**Devoluzzjoni**

L-*Arċipierku Aquatic Club* xtaqu għajnuna biex isibu post minn fejn joperaw. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vincent Farrugia, il-Kunsill ippropona l-gabbana ta' taħt is-sur ta' Dar il-Mediterran biex tiġi devoluta lill-Kunsill.

**Jum il-Belt**

Din is-sena Jum il-Belt saret ġimgħa qabel peress li kienet l-aħħar żjara tal-President. Saret ukoll it-tnedija tal-Ktieb ta' Gerardo Sasso. Wara saret laqgħa ta' korteżija ġewwa l-każin ta' La Valette.

Il-Premjijiet għal Jum il-Belt 2014 kienu:

*Premju Ġieħ il-Belt*
Is-Sur Charles Camilleri – President ta' La Valette

*Rikonoxximent għall-Ħidma mal-Komunita Beltija*
Rev P Tonio Mallia Milanes – Ex Kappillan San Duminku
Rev Kan Mario Tong – Ex Arcipriet ta' San Pawl
Rev Ray Francalanza – Ex Kappillan Santu Wistin
Rev P Martin Schembri – Ex Pirjol Madonna tal-Karmnu
Ms Alexandra Mamo – Ex Superintendent Valletta
Spettur Stephen Saliba – Għassa tal-Belt

Ms Jade Cini – Ms Malta 2013

*Cittadinanza Onorarja*
Mr Raymond Cassar – Ex Head Primary School St Elmo

***Traffic Diversion***

Fid-19 ta' Lulju 2014 saret it-*Traffic Diversion* fit-toroq tan-naħa ta' Hastings u Triq l-Ifran biex ir-residenti li joqgħodu n-naħa ta' Hastings jkollhom aċċess aħjar. Qabel saret kampanja sabiex in-nies jkunu nformati aħjar.

**Attivitajiet**

L-Ambaxxatur Jurgen Briffa għamel attività għat-tfal bil-karrijiet li saret ġo l-iskola primarja tal-Belt u kienet suċċess kbir.

Saret l-inawgurazzjoni tal-Monument ta' Mattia Preti.

F'Settembru 2014 saret il-*European Mobility Week* fejn saret il-*Car Free Day*. Din ħa ħsiebha l-Viċi Sindku Christian Micallef.

Lejlet l-ewwel tas-sena saru l-attivitajiet ta' ċelebrazzjonijiet.

**Ambaxxatur**

F'Ottubru l-Ambaxxatur Jurgen Briffa għalaq 18-il sena għalhekk il-Kunsilli ħareġ sejħa oħra. Jurgen Briffa dejjem wera *commitment* fil-kariga tiegħu ta' Ambaxxatur, dejjem attenda l-laqgħat tal-Kunsill kif ukoll ħa sehem f'diversi attivitajiet organiżżati għaż-żgħażagħ u tfal Beltin. Is-Sindku xtaq li Jurgen jsir Ambaxxatur Onorarju għalhekk jibqa jattendi għall-laqgħat u attivitajiet. Se jkun spalla ma' spalla ma' l-Ambaxxatur l-ġdid. Jurgen Briffa ser ikun qed jieħu ħsieb il-grupp ta' żgħażagh minn 18 il-fuq.

Jake Scerri inħatar bħala Ambaxxatur Lokali ġdid.

**Amministrazzjoni**

Din is-sena fl-uffiċċju tal-Kunsill saret PABX skont rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Governanza. Nġiebu tlett *quotations* u l-GO plc offra l-aħjar offerta.

Is-Sur Malcolm Bezzina intbagħat jgħin fl-amministrazzjoni fuq skema tal-ETC.

Is-Segretarja Eżekuttiva attendiet għal *course* għas-Segretarji Eżekuttivi mtella mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**Affarijiet Oħra**

Il-Kunsill xtara żebgha li jammonta għal €350.00 sabiex isir xogħol ta' żebgħa fil-Bitħa ta' l-iskola ta' Sant'Iermu.

Il-Kunsill applika biex jipparteċipa fl-*A Plus Award 2014*.

Applika ukoll għall-*International Award UCLG 2014* bil-proposta tal-*marketing plan* li wassal għal Valletta 2018.

Il-Kunsill qed iħejji *marketing campaign* għall-450 anniversarju tal-Belt li se jsir fi żmien sentejn.

Wara nuqqasijiet serji li kellha l-kumpanija tal-*Wardens* tar-reġjun fosthom il-Belt Valletta, fl-1 ta' Settembru 2014 l-Kumpanija tal-*Wardens* tbiddlet. L-kumpanija l-ġdida hi l-*Guard and Warden*.

Saru laqgħat għar-residenti f'kull parroċċa jiġifieri fil-parroċċa ta' San Pawl, San Duminku u Santu Wistin.

Il-Kunsill ipparteċipa fil-proġett dwar *Norway Grants – A Partnership for Creative Governance.*

Il-Kunsill ipparteċipa għal *Green City Award* wara li saret *presentation* minn Dr Maria Attard dwar dan.

Ipparteċipajna ukoll fil-proġett *Let's Play Move 18*.

Ġiet sottomessa l-applikazzjoni ta' SUMP – *Malta Sustainable Urban Mobility Plan Award* - u din kienet evalwata.

Il-Kunsill ipparteċipa fil-proġett *Horizon 2020* fejn ser issir *research* ġewwa l-Belt Valletta dwar *Smart Governance*.

**Konklużjoni**

Kif wieħed jara minn dan ir-rapport, jinnota l-impenn u r-responsabbilita li għandu l-Kunsill lejn ir-resident u ċ-ċittadin.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-lokalità. Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-*policies* tal-Kunsill.